*Messaġġ tad-Direttur*



Is-Sur John Schembri

# Kuraġġ li nkomplu dawn l-attivitajiet



Għaddiet sena oħra u għal darba oħra erġajt qiegħed nikteb kelmtejn f'dan il-ktejjeb li ta' kull sena l-Għaqda tagħna tippubblika għal bosta qarrejja.

Qegħdin ftit jiem bogħod mill-festa tagħna. F'dawn iż-żminijiet ta' festa l-każin jorganizza diversi attivitajiet, bħal festini għall-emigranti li jkunu fostna matul il-ġranet tal-festa, il-*barbecue* li jiġi organizzat fil-pjazza u l-programmi tal-banda. Dawn l-attivitajiet jinvolvu att ta' preparamenti li jirrikjedu ħinijiet twal ta' ħidma. Biex dawn l-attivitajiet ikunu ta' suċċess, ikollna bżonn ħafna għajnuna u grazzi għal sħabi tal-kumitat u membri oħra dejjem ħdimna flimkien biex dan kollu jkun jista' jseħħ.

Ma jonqsux ukoll l-attivitajiet ta' matul is-sena. Ta' kull xahar flimkien mal-Kumitat tan-Nisa norganizzaw l-*coffee morning*, it-tombla ta' kull nhar ta' Sibt u xi ikliet li l-kumitat jorganizza fosthom l-ikla ta' l-aħħar tas-sena. Nixtieq ngħid grazzi lil dawk kollha li jattendu għal dawn l-attivitajiet. Bil-preżenza tagħkom tagħtuna aktar kuraġġ li nkomplu dawn l-attivitajiet.

Nispiċċa dan il-messaġġ billi mill-ġdid ngħid grazzi lil dawk kollha li b'mod jew ieħor għenu biex l-għaqda tagħna timxi dejjem 'il quddiem. Nixtieq nawgura l-festa t-tajba lill-Melleħin kollha speċjalment il-morda u l-anzjani li ma jistgħux ikunu magħna għal dawn il-ġranet ta' festa.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.




**Commando**
Bar & Restaurant
**FAMILY RUN**
**Fabio & Mary**
1/2, Mellieħa Sqr., SPB 14 Malta
Tel: 2152 3459
E-mail: d_ciappara@hotmail.com
www.starwebmalta.com

**Stardust**
*stationery & toys*

***Cross Street,***
***Mellieħa, Malta.***
***Tel: 21 523103***
***21 571692***